

# Il-Bijografija tal-Arċisqof il-Ġdid
## *Monsinjur Charles J. Scicluna*

L-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, iben Emanuel u Maria Carmela née Falzon twieled f'Toronto, il-Kanada, fil-15 ta' Mejju 1959. Il-familja Scicluna waslet Malta fl-1960 u għal diversi snin kienet toqgħod Ħal Qormi sakemm marret toqgħod Ħal Lija fl-1976. Mons. Scicluna rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja San Sebastjan, Ħal Qormi, fl-Iskola Teknika San Ġużepp, Raħal Ġdid u fil-Kulleġġ *Saint Edward's*, il-Kottonera. Daħal għall-kors tal-liġi fl-Università ta' Malta fl-1976 u ggradwa avukat fl-1984. Wara l-formazzjoni meħtieġa fis-Seminarju Maġġuri u l-Liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali mill-Fakultà tat-Teoloġija, Tal-Virtù, ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, fl-11 ta' Lulju 1986. Fl-istess sena Mons. Scicluna kien mibgħut jistudja d-Dritt Kanoniku ġewwa l-*Pontificia Università Gregoriana*, f'Ruma u kiseb id-Dottorat fid-Dritt Kanoniku bi speċjalizzazzjoni fil-Ġurisprudenza fl-1991. Wara l-istudji f'Ruma Mons. Scicluna ħadem fuq it-Tribunal Metropolitan ta' Malta bħala Difensur taż-Żwieġ u kien ukoll lecturer fit-Teoloġija Pastorali u fid-Dritt Kaniniku fl-Università ta' Malta.

Wettaq ħidma pastorali fil-parroċċi ta' Ħ'Attard, San Girgor Tas-Sliema, u fl-Iklin, Ħal Lija. Kien Viċi-Rettur tas-Seminarju Maġġuri bejn l-1994 u l-1995. fl-1995 ġie msejjaħ biex jaħdem fil-Vatikan, fit-Tribunal Suprem tas-Senjatura Appostolika bħala Sostitut Prmotur tal-Ġustizzja. Fl-1996 ġie nnominat Postulatur fil-kawża tal-beatifikazzjoni u eventwalment tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca. F'Ottubru 2002, Mons. Scicluna nħatar Promotur tal-Ġustizzja fil-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, bil-mandat li jinvestiga u jkun prosekutur fil-każijiet l-iżjed gravi riservati għall-Kongregazzjoni. Ivvjaġġa ħafna biex jagħti *seminars* dwar il-protezzjoni tal-minuri f'diversi komunitajiet lokali fl-Ewropa, fl-Asja, fl-Afrika, fl-Amerika u fl-Awstralja. Sakemm dam Ruma, Mons. Scicluna kien





jgħin bħala kappillan tas-Sorijiet ta' Santa Briġida (Piazza Farenese) u bħala konfessur fil-Venerabbli Kulleġġ Ingliż. Huwa *visiting lecturer* fil-proċedura penali fil-*Pontificia Università Gregoriana*. Fis-6 ta' Ottubru 2012, il-Papa Benedittu XVI innomina lill-Monsinjur Scicluna bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta, bit-titlu ta' San Leone. Hu kien ikkonsagrat Isqof fl-24 ta' Novembru 2012. Fit-28 ta' Novembru 2012, tħabbret il-ħatra tiegħu bħala membru tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi tal-Vatikan. Fit-18 ta' Ottubru 2014, wara r-riżenja ta' Mons. Pawlu Cremona O.P minn Arċisqof ta' Malta, il-Papa Franġisku nnomina lill-Monsinjur Scicluna bħala Amministratur Appostoliku sede vacante, bis-setgħa li jmexxi l-Arċidjoċesi ta' Malta sakemm l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta jieħu l-pussess kanoniku tal-Arċidjoċesi. Fil-21 ta' Jannar 2015, il-Papa Franġisku innomina lill Mons. Scicluna bħala President tal-Kulleġġ Speċjali fi ħdan il-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, biex jiddeċiedi l-appelli fil-proċessi dwar offiżi serji stabbiliti fil-*Motu Proprio Sacramentorum Sanctitatis Tutela*. Fis-27 ta' Frar 2015, il-Papa Franġisku ħatar lill-Mons. Scicluna bħala l-Arċisqof ta' Malta.

## L-Arma Episkopali




L-Arma tal-Arċisqof Scicluna hija ispirata mill-arma tradizzjonalment assenjata lill-kunjom tal-familja li għandha żiemel rampanti u nofs qamar krexxenti ta' lewn abjad/ fidda fuq skont aħmar. Mons. Scicluna żied il-warda safra/deheb bil-weraq ħodor.

**L-isfond aħmar** ifakkarna fil-mant ta' Kristu waqt il-passjoni "imxarrab bid-demm" (Apok. 19, 13): "Imbagħad Pilatu ordna li jieħdu lil Ġesù u jagħtuh is-swat. Is-suldati nisġu kuruna tax-xewk u qegħduhielu fuq rasu, u libbsuh **mantar aħmar skur**. U bdew ġejjin quddiemu u jgħidulu: 'Is-sliem għalik, ja sultan tal-Lhud!' U bdew jagħtuh bil-ħarta" (Ġw 19, 1-3).

**Iż-żiemel abjad / fidda** jfakkarna fid-dehra li kellu l-Appostlu Ġwanni dwar Ġesù Kristu stess: "imbagħad rajt is-sema miftuħ, u kien hemm **żiemel abjad**! Dak li kien riekeb fuqu jissejjaħ Fidil u Veru (Fidelis et Verax); bil-ġustizzja hu jaqta' l-ħaqq u jagħmel il-gwerra. Għajnejh qishom ħuġġieġa nar, b'ħafna dijademi fuq rasu, u b'isem miktub fuqu li ħadd ħliefu ma jafu. Kien libes **mantell imxarrab bid-demm**, u jissejjaħ bl-isem 'il-Kelma ta' Alla'. Mexjin warajh, fuq **żwiemel bojod**, kien hemm l-eżerċti tas-sema, lebsin l-għażel abjad bla nikta. Fuq il-mantell u fuq koxxtu għandu miktub isem: 'Sultan tas-Slaten u Sid tas-Sidien' (Apok. 19, 11-16).

In-nofs qamar krexxenti abjad / fidda jfakkarna fix-xbieha ta' stabbilità li joffri s-Salm 72: "jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja. Hu jħares id-dritt tal-imsejknin tal-poplu, isalva lill-fqajrin u jrażżan 'il min jgħakkishom. Ħa jdum kemm iddum ix-xemx; kemm idum **il-qamar**, min żmien għal żmien". In-nofs qamar huwa wkoll simbolu tal-Verġni Marija u tal-Knisja, l-Għarusa ta' Ġesù, b'riferenza għax-xbieha tal-għarusa fl-Għanja tal-Għanijiet: "Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha **l-qamar,** tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?" (Għanj. 6,10)

**Il-warda safra / deheb** tfakkarna fi xbieha oħra tal-Verġni Marija, peress illi l-għarusa fl-Għanja tal-Għanijiet hija mxebbħa mal-warda: "Ġnien magħluq tajjeb int, oħti għarusa tiegħu, ġnien magħluq tajjeb, għajn issiġillata. Jinbet ġnien tar-rummien minn il-mijietek, flimkien mal-ogħola ħxejjex: **il-ward tal-ħenna**, u l-ispika, spika u żagħfran, qasab ifuħ, kannella, kull siġra tal-inċens, mirra, sabbara u l-aqwa balzmi kollha" (Għanj. 4, 12-14).

Il-Motto bil-Latin: **FIDELIS ET VERAX** (Fidil u Veru) huwa meħud mill-Ktieb tal-Apokalissi Kapitlu 19, Vers 11. Huwa t-titlu li jingħata lir-Rekkieb taż–żiemel abjad li huwa Ġesù Kristu nnifsu. In-nisrani jagħraf lir-Ragħaj it-Tajjeb bħala ragħaj fidil f'kelmtu u li ma jqarraqx bil-merħla. L-isqof huwa meħud mill-merħla biex ikun Ragħaj fuq ix-xbieha tar-Ragħaj it-Tajjeb Fidil u Veru.

L-arma tinkludu l-*pallium* li hu bħal faxxa li jintlibes fuq il-pjaneta madwar l-għonq. Ikollu wkoll żewġ pendenti, wieħed fuq quddiem, ieħor fuq wara. Fuq il-*pallium* ikun hemm irrakkmati sitt islaleb suwed. Il-*pallium* huwa simbolu tal-awtorità tal-Arċisqof Metropolita f'komunjoni mal-Knisja ta' Ruma.

Is-Salib Patrijarkali hu Salib Latin b'żewġ traversi orizzontali. It-traversa ta' fuq tissejjaħ it-titulus cruces, jew il-kitba ta' Ponzju Pilatu li twaħħlet mas-salib ta' Ġesù.

Fl-isfond tal-arma hemm ukoll is-Salib ta' Malta peress li Monsinjur Scicluna hu Kappillan Konvetwali *Gran Cruc ad honorem*.



(Dawn ir-ritratti ġew meħuda nhar l-1 ta' Frar 2015.)